# Il-parteċipazzjoni tal-ġenituri u r-riċerka fl-iskejjel

*Carmel Borg*

## 1. Introduzzjoni

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jqis ir-riċerka interna (*action research*) bħala l-perm li fuqu jrid idur l-iżvilupp tal-kurrikulu fl-iskejjel. Taqsima 6.11 torbot ir-riċerka ma' l-għarfien tal-ġenituri bħala msieħba ewlenin fil-proċess edukattiv. Paragrafu 6 11.2 jagħti ħjiel dwar kif il-ġenituri jistgħu jsostnu l-kurrikulu. Fost il-lista ta' possibilitajiet il-paragrafu msemmi jħeġġeġ lill-ġenituri biex jipparteċipaw f'proġetti ta' riċerka li jwasslu biex jitjiebu s-servizzi u l-ħajja edukattiva ta' wliedhom. B'dan il-mod id-Dokument qiegħed jissiġilla l-bżonn li l-iskejjel iwieżnu d-direzzjoni tagħhom b'informazzjoni preċiża rigward l-oqsma differenti ta' l-operat tagħhom u jżewġu mal-fatt li l-ġenituri huma għajn ta' nformazzjoni mportanti f'dan il-qasam tal-proċess edukattiv.

> **“Ir-riċerka interna ssir bl-għan li titjieb parti mill-operat jew l-operat sħiħ ta' l-iskola”**

## 2. Ir-Riċerka Interna

Ir-riċerka interna tibda b'inizjattiva individwali jew kollettiva ta' għalliema jew imsieħba oħra fl-iskola. Ix-xrar li jkebbes l-interess fl-użu ta' din il-metodoloġija ta' sthàrriġ jista' jvarja minn bżonn ta' tfassil ta' politika dwar il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fl-iskola għal osservazzjoni magħmula minn xi ġenituri waqt waħda mil-laqgħat ma' l-amministrazzjoni ta' l-iskola. Huma x'inhuma l-għejun tat-tnebbiħ, ir-riċerka interna hija waħda mill-metodi ta' stħarriġ l-aktar effettivi f'kuntest ta' skola li tkun qiegħda tanalizza sitwazzjoni konkreta fil-perimetru tagħha jew fil-komunità li tħaddanha.

Ir-riċerka interna ssir bl-għan li titjieb parti mill-operat jew l-operat sħiħ ta' l-iskola. Peress li l-azzjoni hija mibnija fir-riċerka l-proċess ta' l-istħarriġ joħloq ċirku prassjali fejn ir-riċerka u l-azzjoni jitwaħħdu fi proċess li jġib trasformazzjoni fis-sit.

Ideal importanti li jnebbaħ lil kull min juża r-riċerka interna huwa s-sens ta' komunità li tiġġenera l-ħidma kollettiva. Din ir-riċerka toħloq ambjent fejn diversi msieħba jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fl-iżvilupp ta' pjan ta' riċerka u azzjoni, fl-implimentazzjoni tal-pjan, fl-istħarriġ u l-analiżi ta' l-effetti tal-proġett ta' tigdid, u fir-riflessjoni dwar dak kollu li jkun qiegħed jiġri. Dan is-sens ta' komunità huwa wkoll rifless fil-fatt li l-imsieħba kollha jinżammu infurmati bl-iżviluppi li jkunu qegħdin iseħħu b'riħet din ir-riċerka.

Il-letteratura internazzjonali f'dan il-qasam tgħarrafna li dawk l-iskejjel li addottaw dan il-mezz ta' żvilupp u tiġdid irrappurtaw titjib kbir fl-istima personali ta' l-għalliema, fil-kolleġġjalità bejn l-għalliema, fil-predispożizzjoni għall- esperimentazzjoni, fl-għarfien ta' l-importanza tar-riċerka għall-iżvilupp tal-kurrikulu, fl-għerf prattiku, fil-kwantità u l-kwalità ta' riflessjoni, fil-proċess ta' awtonomija vera miċ-ċentru tal-poter u fid-demokratizzazzjoni tar-relazzjonijiet soċjali fil-komunità edukattiva.



*CARMEL BORG Ph.D (Toronto) is lecturer in Curriculum Studies, Critical Pedagogy, Social Justice Education and Parental Issues in the Faculty of Education, University of Malta. He is the author and co-author of numerous articles in local and international journals and books. For the past three years he has been involved in the drafting of the new National Minimum Curriculum.*

L-għarfien, t-tħaddin u t-tħaddim ta' din il-metodoloġija mill-iskola jiddependu ħafna minn kif l-għalliema jħarsu lejn l-operat tagħhom. Din il-metodoloġija żgur li ma tistax twarrad f'art skolastika fejn l-għalliema għadhom iħarsu lejhom infushom bħala messaġġiera ta' l-għerf. Taqsima 6.9 tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali tiddeskrivi l-ħmira li ssajjar għalliema kompetenti u effettivi. Fost il-lista ta' ingredjenti nsibu l-kontribut li l-għalliema kompetenti u effettivi jagħtu lis-sistema edukattiva permezz tar-riċerka, il-kitba, u d-djalogu intern u mal-massa. Ingredjent ieħor huwa l-għatx għall-iżvilupp kontinwu u għall-ħidma bi sħab ma' kollegi u nies oħra interessati fil-qasam edukattiv. Fl-istess taqsima nsibu li l-għalliema għandhom bżonn ir-riżorsi, il-ħin u t-taħriġ biex ikunu jistgħu jibnu infrastruttura kulturali u repertorju ta' ħiliet neċessarji biex proġett bħal dan ikun jista' jitwettaq mingħajr skossi.

## 3. Ir-Riċerka Interna u l-Ġenituri - Eżempju

Mill-esperjenza personali nista' ngħid li r-riċerka interna qiegħda bil-mod issib post ċentrali f'xi skejjel tagħna. Dan li ġej huwa eżempju ta' inizjattiva individwali f'dan il-qasam. Din l-inizjattiva bdiet fl-1996. It-tema ċentrali ta' dan il-proġett ta' riċerka hija sehem il-ġenituri fil-proċess edukattiv.

Għalliem fi skola sekondarja tas-subien talabni ngħinu fi proġett li kellu l-għan li jżewweġ it-tisħiħ tar-relazzjoni bejn ġenituri u għalliema fl-iskola tiegħu mal-bżonn akkademiku li jikteb teżi. Żwieġ leġittimu u etiku, fejn l-għalliem-riċerkatur iddeċieda li jidħol f'relazzjoni simbjotika mas-sit li pprovda l-kuntest għar-riċerka. B'hekk, kemm is-sit kif ukoll l-għalliem-riċerkatur iggwadanjaw mir-riċerka.

Wieħed mill-aktar passi importanti f'kull proġett ta' riċerka interna huwa l-identifikazzjoni u l-artikulazzjoni ta' l-għanijiet ewlenin tar-riċerka. Mistoqsijiet li normalment

*Jekk jogħġbok aqleb*

> **"L-għalliema-riċerkaturi jridu jiżguraw li d-drittijiet ta' min ikunu qegħdin jirriċerkaw ikunu rrispettati f'kull fażi tar-riċerka"**

jistaqsu l-għalliema-ricerkaturi li jkunu deħlin għal din il-biċċa xogħol b'ġenwinità huma: x'qed iqanqalna biex nibdew din ir-riċerka? xi trasformazzjoni nixtiequ naraw fl-iskola tagħna? u kif se tintlaqat il-komunità ta' l-iskola bl-istħarriġ li se nagħmlu? L-eżerċizzju mnebbaħ min dawn it-tip ta' mistoqsijiet għandu jwassal biex l-għalliema-riċerkaturi jiċċaraw l-intenzjonijiet tagħhom u jiżguraw li l-proġett sejjer iwassal għal azzjoni konkreta. It-tmiem ta' dan l-eżerċizzju jintlaħaq meta l-għalliema-ricerkaturi jkunu f'qagħda li jidentifikaw u jartikulaw il-mistoqsija ċentrali tar-riċerka. Fil-każ tal-proġett ta' l-għalliem-riċerkatur li talabni l-għajnuna, il-mistoqsija ċentrali kienet: 'għaliex il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fl-iskola fejn ngħallem hija daqshekk fqira?'

Pass ieħor ta' natura preparatorja huwa l-qsim tal-mistoqsija ċentrali f'numru ta' mistoqsijiet sekondarji. Dawn il-mistoqsijiet jgħinu lill-għalliema-riċerkaturi jiċċaraw aktar l-għanijiet tar-riċerka. Permezz ta' djalogu fit-tul ma' l-għalliem-ricerkatur wasalna għal dawn il-mistoqsijiet: Min huma l-ġenituri ta' din l-iskola? X'esperjenza kellhom tas-sistema edukattiva fi żmien li huma kienu studenti?' Kif iħarsu lejn l-edukazzjoni? Kemm huma kuntenti bl-iskola ta' binhom? Kemm jaħsbu li hemm komunikazzjoni bejnhom u l-iskola? X'kontribut qegħdin/jistgħu jagħtu fl-oqsma differenti tal-proċess edukattiv? Kif jaħsbuha l-ġenituri dwar l-aspetti differenti tal-parteċipazzjoni tagħhom? Min huma l-għalliema ta' din l-iskola? Kemm huma midħla tar-ricerka u l-letteratura dwar l-partecipazzjoni tal-ġenituri fil-qasam edukattiv? X'jifhmu bil-kunċett tal-parteċipazzjoni tal-ġenituri? Kif jaħsbu li għandha tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fl-iskola?

L-iċċarar tal-mistoqsijiet ċentrali u sekondarji jwasslu lill-għalliema-riċerkaturi biex jibdew il-fażi ta' l-għażla tal-kampjun. Il-mistoqsija li l-għalliema-ricerkaturi jikkunsidraw f'din il-fażi tar-riċerka hija: min se jkun involut fir-riċerka? Il-kampjun ta' l-għalliem-ricerkatur kien jikkonsisti fl-amministraturi, l-għalliema u l-ġenituri kollha ta' l-iskola.

Pass ieħor lejn il-ġbir ta' l-informazzjoni huwa l-għażla ta' l-għodda ta' l-istħarriġ. Il-letteratura internazzjonali f'dan il-qasam turina li l-fatt li l-għalliema-riċerkautiri jkunu qegħdin jiġbru l-informazzjoni mill-istess sit fejn jgħallmu jista' jpoġġihom f'sitwazzjoni diffiċli. Dan jiġri l-aktar meta l-għalliema-ricerkaturi jkunu qegħdin jiġbru informazzjoni sensittiva. L-għalliem-riċerkatur li talabni l-għajnuna ħass li l-kwestjonarju kien l-aħjar mod kif jevita dan l-inkonvenjent. L-ammont ta' nies involuti fir-riċerka u l-ħin għad-dispożizzjoni tiegħu kienu żewġ raġunijiet oħra li kkontribwixxew għall-għażla tal-kwestjonarju bħala l-għodda tar-riċerka. Ta' min jgħid ukoll li barra t-tfassil ta' żewġ kwestjonarji, l-għalliem-riċerkatur intervista amministraturi ta' l-iskola rtirati, u ġabar informazzjoni ta' natura storika minn arkivji differenti.

Mad-diskussjoni dwar il-kontenut, kull strument ta' stħarriġ iġib miegħu mistoqsijiet ta' natura etika u teknika. L-għalliema-riċerkaturi jridu jiżguraw li d-drittijiet ta' min ikunu qegħdin jirriċerkaw ikunu rrispettati f'kull fażi tar-riċerka.

L-imsieħba kollha li kienu se jipparteċipaw fl-istħarriġ ta' l-għalliem-riċerkatur ngħataw rendikont iddettaljat ta' l-għanijiet ta' l-istħarriġ. Permezz ta' ittra serraħħnielhom moħħhom li t-tweġibiet tagħhom kienu se jibqgħu anonimi, filwaqt li tajnihom l-opportunità li ma jipparteċipawx jew jirtiraw it-tweġibiet tagħhom x'ħin iridu.

Mil-lat tekniku, kien hemm ħafna x'wieħed jikkunsidra. L-għalliema-riċerkaturi jridu joqogħdu attenti li filwaqt li jiġbru kemm jistgħu informazzjoni, ma jdejqux lil min ikun qiegħed iwieġeb b'tul esaġerat. Ma' dan l-għarfien, l-għalliem-riċerkatur u jien żidna mistoqsijiet bħal: Min se jwieġeb għandu l-informazzjoni neċessarja biex iwieġeb? Il-mistoqsijiet huma neċessarji u rilevanti fid-dawl ta' l-għanijiet tar-riċerka? Il-mistoqsijiet huma miktubin b'Malti/Ingliż tajjeb u sempliċi? L-ispazju mħolli għat-tweġiba jikkorrispondi mad-dettalji mitluba mill-mistoqsija? Il-mistoqsija hija ġenwina jew tqarreb lil min iwiegeb biex jirrispondi skond l-aġenda tar-riċerkatur? Il-kwestjonarju huwa mibni b'mod li jitlob konsistenza minn min se jwieġbu? L-ordni tal-mistoqsijiet hija tajba?

Il-kontenut tal-mistoqsijiet għandu jikkorrispondi ma' l-ghanijiet, il-mistoqsija ċentrali u l-mistoqsijiet sekondarji tar-ricerka. Permezz tal-kwestjonarju li tqassam lill-ġenituri l-għalliem-riċerkatur stħarreġ: il-fiżjonomija vera tal-ġenituri; il-livell ta' kuntentizza rigward l-iskola ta' wliedhom; il-kwalità u l-kwantità ta' għajnuna li jagħtu lil uliedhom; fejn qiegħed id-djalogu bejn dar u skola; kif jista' jitjieb id-djalogu; u l-ideat tal-ġenituri dwar l-isfidi li ġġib magħha parteċipazzjoni vera tal-ġenituri.



Il-kwestjonarju li l-għalliem-riċerkatur qassam lill-għalliema stħarreġ il-livell ta' gharfien rigward il-kunċett tal-parteċipazzjoni tal-ġenituri fil-qasam edukattiv u l-livell ta' tolleranza ta' l-għalliema għall-parteċipazzjoni akbar mill-ġenituri fid-diversi oqsma ta' l-operat ta' l-iskola.

Permezz ta' studju pilota l-għalliem-riċerkatur irnexxielu jsaffi l-kwestjonarji minn numru ta' difetti tekniċi.

## 4. Tagħrif

It-tagħrif miġbur permezz tal-kwestjonarju mibgħut lill-ġenituri jindika li:

- hemm numru ta' tfal li qegħdin jgħixu f'ambjent familjari li mhux tradizzjonali
- ħafna ommijiet m'għandhomx edukazzjoni sekondarja
- ħafna ommijiet ma jaħdmux barra mid-dar
- il-missierijiet jaħdmu f'firxa kbira ta' xogħol
- il-ġenituri huma interessati fl-edukazzjoni ta' wliedhom
- il-ġenituri huma interessati f'dak kollu li qiegħed jiġri fl-iskola
- il-ġenituri sikwit jistaqsu lil uliedhom dwar x'inhu jiġri fl-iskola
- il-ġenituri m'humiex kuntenti bil-livell ta' komunikazzjoni li għandhom ma' l-iskola
- ħafna drabi l-ġenituri jattendu l-iskola f'ċirkustanzi negattivi
- il-maġġoranza tal-ġenituri tixtieq li l-ġranet għall-ġenituri jiżdiedu
- ħafna ġenituri ma jafux min huma l-għalliema ta' wliedhom
- kwart tal-ġenituri ħassew li hemm ħajt kulturali li qiegħed jifridhom mill-għalliema
- ħafna ġenituri ma jifhmux il-lingwaġġ użat fi ċrieki edukattivi
- ħafna ġenituri jaqblu li l-kunsill ta' l-iskola mhux effettiv

L-informazzjoni miġbura permezz tal-kwestjonarju ċċirkulat qalb l-għalliema ta' l-iskola tindika li:

- il-maġġoranza ta' l-għalliema fl-iskola taqbel mal-kunċett tal-parteċipazzjoni tal-ġenituri fil-proċess edukattiv
- aktar minn nofs l-għalliema qraw xi letteratura dwar is-suġġett
- ftit huma l-għalliema li qatt attendew xi seminars jew korsijiet dwar is-suġġett
- kważi nofs l-għalliema kellhom xi esperjenza negattiva mal-ġenituri
- ħafna mill-għalliema rrappurtaw li raw inċident bejn għalliema/amministraturi u ġenituri
- l-għalliema kollha qablu li l-ġenituri huma interessati fl-edukazzjoni u l-iżvilupp ta' wliedhom
- ħafna mill-għalliema jemmnu li l-parteċipazzjoni tal-ġenituri m'għandhiex tkun limitata għall-ġbir ta' flus
- ħafna mill-għalliema: ma jħossuhomx ippreparati għal aktar parteċipazzjoni tal-ġenituri fl-iskola; ma jaqblux mal-preżenza tal-ġenituri fil-klassijiet; iħossu li l-preżenza tal-ġenituri tista' twassal għal skumdità; ma jħossux li l-kunsill ta' l-iskola huwa effettiv biżżejjed; u ma jaqblux li l-ġenituri għandhom ikollhom id-dritt li jiċċensuraw deċiżjonijiet meħuda minnhom rigward il-kurrikulu.

## 5. Azzjoni

It-tagħrif miġbur mill-għalliem-riċerkatur jagħti stampa ċara u konkreta ta' fejn qegħdin il-problemi fil-qasam tal-parteċipazzjoni tal-ġenituri fl-iskola. Mir-ricerka li għamilt dwar dak li qiegħed jiġri f'din l-iskola kkomfermajt li x-xogħol li sar mill-għalliem-riċerkatur issarraf f'diskussjonijiet infurmati dwar il-bżonn li titjieb il-komunikazzjoni bejn l-iskola u l-ġenituri.

Dawn id-diskussjonijiet żviluppaw f'aktar ricerka interna dwar il-livell ta' sodisfazzjon tal-ġenituri rigward it-tagħlim, l-iżvilupp tal-kurrikulu, l-assessjar, l-*ethos*, it-tmexxija u l-komunikazzjoni, ir-riżorsi u l-attivitajiet edukattivi barra mill-iskola. It-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-għalliema u l-ġenituri jifforma parti mill-għanijiet u l-miri tal-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola. Il-kunsill ta' l-iskola huwa ħafna aktar attiv u qiegħed jingħata spazju biżżejjed biex jieħu deċiżjonijiet fil-parametri tal-liġi li tirregola l-kunsilli ta' l-iskejjel.

L-amministrazzjoni, megħjuna minn grupp ta' għalliema, qiegħda toffri ħinha lill-ġenituri wara s-2.30. L-iskola se twieġeb ukoll għat-talba tal-ġenituri biex jiġu aġġornati kontinwament bil-progress ta' wliedhom. Fl-aħħar, l-analiżi u d-diskussjoni wasslu biex jikber il-kuntatt bejn il-ġenituri u l-*form teachers* permezz ta' laqgħat regolari bejniethom.

## Ringrazzjament

L-għalliem-riċerkatur aċċetta li jżomm ismu mistur.

Filwaqt li nirringrazzjah, nixtieq nifraħ lill-iskola għall-impenn tagħha favur il-parteċipazzjoni tal-ġenituri.



# Notes for Contributors

**Education 2000** is a magazine, published twice yearly (March/April and November/ December periods), distributed free to all teachers, school administrators, student teachers and other educational practitioners who are interested in the study and development of the various areas of the school curriculum, teachers' professional development and school management. Its main objective is to facilitate the dissemination of research findings, effective practice and teaching and learning ideas. It carries contributions related to education in the primary, secondary, post-secondary and tertiary sectors. We welcome the following kinds of contributions:

- Reports of research which has implications for the school/classroom situation. (A considerable amount of work in this regard is carried out in the form of dissertations for education degrees. Often this kind of work is shelved and forgotten. This journal will seek to assist in the publication of such work);
- Accounts of school/classroom curriculum-related activities and teaching ideas;
- Discussions of current issues in the teaching of the various curriculum areas and subjects at all ages.

Advice on suitable material in any area of the curriculum and help with the preparation of submissions will be given by the Editorial Board. Articles should not normally exceed 2,000 words. In fact shorter contributions are encouraged. Manuscripts and all bibliographical material should be set out in standard A.P.A. style. The Editorial Board reserves the right to make changes to manuscripts to be consonant with the scope and style of the publication.

**ILLUSTRATIVE MATERIAL**: Authors are encouraged to submit illustrative material with their articles. Such material (photographs, children's work, diagrams, etc.) should be in its original form rather than photocopies. Copyright permission, when required, is the responsibility of the author.

**Contributions should be submitted:**

- on 3.5" diskette, containing the original file of the submission (for example Word, Word Perfect documents, etc), and a **rich text format (RTF)** version. Both PC and Macintosh formatted diskettes are acceptable; alternatively, both files may be sent as attachments via e-mail **(gmal1@um.edu.mt)**.
- a hard copy of the contribution, including detailed notification of the insertion points of illustrative material, as well as the author's photo and a short biographical note.
- all illustrative material in a separate envelope, but with the name of the author and contribution noted on it.

Contributions are to be submitted to *any* member of the Board, or sent to:
The Editorial Board, ***Education 2000***,
Faculty of Education, University of Malta,
Msida - MSD 06 - Malta